MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Avviz Numru. 71/2013

**Alfred Borg f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Pjazza Antiques Limited**

**Vs**

**George Tabone; Gram Jewellers Limited; Gram Holdings Limited; Gram Collections Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors ta' l-atturi Alfred Borg f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Pjazza Antiques Limited, fejn talbu illi l-konvenuti jhallsu lill-attur fil-kwalita' tieghu hawn fuq premessa l-ammont ta' erbat elef erba' mija tnejn u erbghin Ewro u tlettax-il centezmu (€4,442.13) rapprezentanti ammonti li l-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li jhallsu skont kuntratt datat 2 t'Ottuubru, 2012 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Malcolm Mangion, u li baqghu ma' hallsux minkejja diversi interpellanzi.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-jum tal-prezentata ta' din il-kawza sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti kollha *in solidum*, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenuti George Tabone u tar-rapprezentanti fi proceduri gudizzjarji tas-socjetajiet konvenuti.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti George Tabone u socjetajiet konvenuti.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2013, il-konvenut George Tabone u socjetajiet konvenuti msejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, ghalkemm debitament notifikati, u ghalhekk il-kapitolu tal-atturi ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-atturi Alfred Borg f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Pjazza Antiques Limited u tikkundanna lill-konvenut George Tabone u socjetajiet konvenuti jhallsu lill-atturi Alfred Borg f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Pjazza Antiques Limited is-somma ta' erbat elef erba' mija tnejn u erbghin Ewro u tlettax-il centezmu (€4,442.13), bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-jum tal-prezentata ta' din il-kawza sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti kollha *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------